MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 950/2004

**Peter u Rita konjugi Zammit**
**Vs**
**Joseph u Tessie konjugi Grima**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta Mejju 2004, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' mitejn u disgha u disghin lira tmienja u tletin centezmu (Lm299.38) rapprezentanti danni sofferti fil-vettura proprjeta tal-atturi numru LAK 626 meta l-konvenut Joseph Grima kien qed isuq il-vettura numru DBA 053 gewwa Triq l-Imdina, Hal Qormi nhar it-12 ta Lulju 2001 ghal liema ncident l-isess konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 11 ta Lulju 2003 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra ufficcjali kontra l- konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti datata 17 ta Gunju 2004 fejn preliminarjament giet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2153 kap 16 tal-ligijiet ta Malta u fit-tieni lok u fil-meritu giet kontestata r-responsabbilita tal-incident stradali in kwistjoni u inoltre li l-konvenuta Tessie Grima ma hiex il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni. B'riserva tal-prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensur tal-konvenuti.

Ikkunsidra.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni l-attur ipprezenta kopja ta ittra ufficcjali datata 11 ta Lulju 2003 a fol 10 tal-process li mir-riferta relattiva ghandu jirrizulta li l-konvenut ossia martu kienet giet notifikata biha dak in-nhar stess tal-prezentata.

Illi dwar il-provi fuq ir-responsabbilita jinghad li l-atturi pprezentaw kopja tar-rapport u skizz tal-pulizija a fol 12 sa 15 tal-process. Xehed ukoll l-attur Peter Zammit li pero dak in-nhar tal-incident huwa ma kienx qed isuq il-vettura proprjeta tieghu nvoluta fl-impatt in kwistjoni. Is-sewwieq proprja certu Tony Carabott baqa qatt ma xehed. Anqas ma ttella jixhed bil-gurament il-pulizija li nvestiga dan l-incident u li kien ghamel ir-rapport u skizz esebit.

Illi ghalhekk dwar il-mod kif sehh l-incident dan it-Tribunal ghandu biss ix-xhieda tal-konvenut bil-gurament tieghu. Dan ighid li huwa kien qed isuq trakk mghobbi miexi wara t-traffiku fuq in-naha tax-xellug tat-trieq. Kif sema horn waqaf u meta hareg mill-vettura tieghu sab karozza ohra mahbuta mal-iskorfina tan-naha tax-xellug ta quddiem tat-truck tieghu. F'ebda mument qabel dan ma kien ra lill-vettura tal-attur.

Provi ohra ma ngabux pero jigi osservat il-principju bazilari li kul min jallega ghandu l-oneru tal-prova, f'dan il-kaz l-atturi.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz bil-mod segwenti:-

Fl-ewwel lok qieghed jichad l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti in vista tal-fatt li t-terminu ta sentejn jidher li gie nterrott permezz tal-ittra ufficcjali datata 11 ta Lulju 2003.

Fit-tieni lok u fil-meritu qed jigi deciz fuq il-kwistjoni ta responsabbilita li l-atturi naqsu li jgibu provi soddisfacenti dwar dan u konsegwentement ghalhekk qieghed jichad it-talba tal-atturi b’dan illi l-ispejjes relattivi ghad-decizjoni dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti filwaqt li dawk relatati mad-decizjoni fuq il-meritu ghandhom ikunu a kariku tal-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------